30 ta' Ottubru, 1950.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Nutar Albert E. Micallef et. *versus* Marietta Tonna**

**Testment — Legat — Interpretazzjoni — Taxxa tas-Suċċessjoni — Art. 720 u 1051 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi ma tiffissax formoli ta' kliem sabiex bniedem jesprimi l-aħħar volontà tiegħu, imma tirregola biss il-forma li biha għandhom isiru t-testmenti.*

***Hija** regola ta' interpretazzjoni, applikabili anki ghat-testmenti u ghall-attijiet ta' dispożizzjoni partikulari, li fejn il-kliem tad-dispożizzjoni huwa ċar u ma jhallix dubju fuq is-sens taghha, l-istess ghandha tiġi eżegwita bhala l-espressjoni tal-vera intenzjoni tat-testatur.*

***Meta** mbaghad ikun hemm bżonn li tiġi nterpretata l-intenzjoni tat-testatur, din ghandha tiġi mehuda mid-dispożizzjoni kontenuta fit-testment, u mhux minn affarijiet ohra estranei ghat-testment — konfrontata din id-dispożizzjoni mad-dispożizzjonijiet l-ohra tat-testment u anki ma' dawk ta' testmenti ohra preċedenti u susseġwenti.*

***L-espressjoni** "taxxa tas-suċċessjoni" volgarment tiftiehem fis-sens li tikkomprendi t-taxxa kollha doruta fuq il-wirt tal-mejjet, minghajr distinzjoni bejn taxxa fuq l-assi, taxxa fuq il-wirt u taxxa fuq il-legati.*

***Ghaldaqstant** meta t-testatur ihalli eżekutur testamentarju bl-inkariku, fost ohrajn, li jhallas it-taxxa tas-suċċessjoni, u mill-kontest tat-testment u mill-interpretazzjoni ta' l-intenzjoni tat-testatur ma jidherx li dan ried jaghmel dik id-distinzjoni, it-taxxa doruta fuq il-legati minnu mhollija ghandha tiġi mhallsa mill-werrieta, u mhux mill-legatarji.*

**Il-Qorti,** — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-atturi talbu li l-konvenuta tiġi kundannata tirrifondi u thallas lilhom £95. 6. 5, ghal daqs tant iehor li l-eżekutur testamentarju ta' l-istess Ersilia Micallef hallas fl-interess tal-konvenuta u bhala sehemha mit-taxxa tas-suċċessjoni bhala legatarja ta' l-istess Ersilia Micallef ghat-termini tat-testmenti fuq imsemmijin (dok. A u B), skond il-kont unit maċ-ċitazzjoni (dok. C) u l-irċevuta ta' l-imsemmija taxxa (dok. D u D1); bl-imghax tal-hamsa fil-mija min-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni; u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha qalet illi hija ma ghandhiex tissopporta ebda parti mill-hlas tat-taxxa tas-suċċessjoni ta' Ersilia Micallef, billi dina fit-testment taghha ordnat lill-eżekutur testamentarju biex ihallas it-taxxa intiera mill-beni ta' l-assi taghha li jkunu baqghu wara li jittiehdu l-legati;

Omissis;

Rat is-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fit-13 ta' Jannar 1950, li biha giet michuda t-talba ta' l-atturi, rizervata lilhom kwalunkwe azzjoni "si et quatenus" kontra l-Fisku; mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, bid-dritt tar-registru kontra l-atturi; wara li kkunsidrat;

Illi mill-attijiet tal-kawża jirriżulta illi s-sinjorina Ersilia Micallef giet nieqsa, u ħalliet żewġ dispożizzjonijiet testamentarji, u ċjoè waħda tal-24 ta' Jannar 1940, u l-oħra tas-17 ta' Marzu 1944, magħmulin it-tnejn fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle (dok. A u B). Dak li huwa ta' interess għal dina l-kawża huwa li fir-raba' artikolu ta' l-ewwel testment tagħha t-testatriċi ddisponiet b'dawn il-kliem:— "It-testatriċi tħalli b'legat lis-serva tagħha Marietta Tonna (il-konvenuta) il-bjankerija kollha tal-persuna, il-bjankerija kollha tad-dar, l-ilbiesi kollha, is-somma ta' għoxrin lira (£20) għal darba waħda, il-mobilja li fl-epoka tal-mewt tat-testatriċi jkunu jinsabu fil-kamra tal-legatarja ġewwa d-dar tat-testatriċi, u l-mobilja kollha li attwalment jinsabu fid-dar li t-testatriċi tikri bil-mobbli tas-Sliema, Parallel Street, numru 25, jew fi kwalunkwe dar oħra. Dawn il-legati huma mħollijin lill-imsemmija Marietta Tonna bil-kondizzjoni li fl-epoka tal-mewt tat-testatriċi tkun għadha fis-servizz tagħha; altrimenti l-legat tal-flus jispiċċa, u l-legati tal-bjankerija tal-persuna, tal-bjankerija tad-dar, ta' l-ilbiesi u tal-mobilja, jgħaddu a favur tal-Creche Sisters ta' tas-Sliema, li f'dan il-każ it-testatriċi tissostitwihom għall-imsemmija Marietta Tonna";

U fil-ħames artikolu ta' l-istess testment riedet u ordnat ukoll b'dana l-kliem:— "It-testatriċi tħalli b'legat lill-imsemmija serva tagħha Marietta Tonna l-utili dominju perpetwu u benefikati taż-żewġ mezzanini l-Gżira, Saint Albert Street, wieħed jismu "Sila", attwalment iġib in-numru 41A, u l-ieħor "Diana" u jġib in-numru 41B, suġġett kull wieħed għaċ-ċens ta' £2. 2. 0 lejn l-Avukat Dr. Giuseppe Pace. Dan il-legat huwa suġġett għall-kondizzjoni li l-imsemmija Marietta Tonna tibqa' fis-servizz tat-testatriċi sal-mewt tagħha. It-testatriċi tiddikjara li f'dan it-ttestment qiegħda tkun liberali ma' l-imsemmija serva tagħha Marietta Tonna, biex tirrimu-

u-raba u t-rikompensaha mis-servigi reżi'ni-testatriċi, li ngeghda taghtiha salarju aktar baxx minn dak li jistħoqqilha'';

Fit-tieni testment tad-decujus, tas-17 ta' Marzu 1944, fl-artikolu 2; hija qalet:— ''Riferibilment ghar-raba' artikolu taċ-ċitat testment taghha, ta-24 ta' Jannar 1940, fejn fost affarijiet oħra kienet ħalliet lis-serva taghha Marietta Tonna b'legat il-mobilja tad-dar nru. 25, Parallel Street, Sliema, it-testatriċi tiddikjara li dawn il-mobbli l-lum jinstabu fid-dar ta' l-abitazzjoni taghha, u jikkonsistu f'mejda tonda tal-kawba, pożapjatti tal-kawba bil-fajjenza u l-ħġieġ li jkun fiha, sideboard pariġġ il-pożapjatti, erba' siġġijiet u skrivanija tal-kawba, żewġ sodod tal-ħadid, waħda sewda u l-oħra bajda, żewġ imtieraħ u erba' mħaded, stove tal-pitrolju u utensili tal-kċina, mejda żghira ta' l-abjad u armadju ta' l-abjad'';

Illi fuq dawna l-legati ġiet imħallsa mill-eżekutur testamentarju nominat fl-ewwel testment fuq imsemmi s-somma ta' £95. 6. 5 (ara dok. C. D. E.), li l-konvenuta tippretendi li ma kellhiex tħallas, u li ghall-pagament taghha ġiet istitwita l-kawża preżenti mill-eredi tad-decujus;

Illi l-oppożizzjoni prinċipali tal-konvenuta tinsab bażata fuq l-artikolu 10 ta' l-ewwel testment tad-decujus, li jghid:— ''Bħala eżekutur testamentarju t-testatriċi tinnomina lill-Avukat Duttur tal-Liġi Gaetano Borg Olivier, iben il-mejjet Sur Giovanni, u lilu taghti l-fakoltajiet kollha opportuni, u speċjalment (a) li jbiegħ, appena tmut it-testatriċi, dawk l-istabili jew oġġetti mobili (ad eċċezzjoni ta' dawk li jiffurmaw l-oġġetti tal-legati fuq ordnati) li jidhirlu, biex bir-rikavat ikun jista' jħallas il-legati kollha fuq ordnati, id-debiti kollha u t-taxxa tas-suċċessjoni, bil-fakoltà li jipoteka l-beni tat-testatriċi in garanzija ta' dan il-bejgħ, (b) li jamministra l-assi tat-testatriċi sakemm jeżegwixxi dan l-inkariku, (c) li ma jbieghx, imma jiddistruġġi, il-kwadri raffiguranti fotografiji tal-familja, u li jiddistruġġi l-karti u d-dokumenti kollha li jirrigwardaw affarijiet privati, (d) li jiżbanka minn kwalunkwe persuna, post, jew bank ta' flus, oġġetti oħra appartenenti lill-assi tat-testatriċi'';

Li kif jista' jidher miż-żewġ testmenti eżibiti, barra mill-legati mħollija lill-konvenuta kien hemm ukoll legati u pre-

egati ohra, u li fihom ġiet ratizzata l-taxxa mitluba mill-Liġi;

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta hija duplici, u ċjoè:— 1. Li bil-kliem fuq imsemmi fl-artikolu 10 (a) ta' l-ewwel testment hija tifhem li l-legati kollhom ikunu eżenti mit-taxxa (kompriżi l-prelegati kollha), u 2. li peress li l-legati tagħha kienu ta' indoli rimuneratorja, għandhom jiġu kunsidrati bħala pagament ta' dejn, u bħala tali l-eżekutur testamentarju tad-de cujus kien imissu ikkontesta dik it-taxxa, jew a menu ħallasha b'riżerva; u l-atturi huma responsabili l-għaliex (a) l-eżekutur jirrappreżenta d-decujus u huwa eredi tagħha; (b) qegħdin l-istess atturi jitolbu r-rifużjoni, u b'hekk qegħdin jikkonfermaw l-aġir ta' l-eżekutur; (c) l-atturi, taht dawk iċ-ċirkustanzi, esponew ruhhom għal kwalunkwe eċċezzjoni opponibili lill-istess eżekutur;

Illi l-liġi ma tiffissax formoli ta' kliem sabiex bniedem jesprimi l-aħħar volontà tiegħu, imma biss tirregola l-forma tat-testmenti;

Illi hija regola ta' interpretazzjoni, applikabili anki għall-interpretazzjoni tat-testmenti u attijiet ta' dispożizzjoni partikulari, li fejn il-kliem u l-ittra tad-dispożizzjoni hija ċara u ma tħallix dubju fuq is-sens tagħha, l-istess għandha tiġi eżegwita bħala l-espressjoni tal-vera intenzjoni tat-testatur — konfermata dina l-istess regola mid-Dritt Ruman, li jgħid "Non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud dixisse testatorem" (L. 69. D. de Lega. III), u "Quum in verbis nulla ambiguitas est non debetur admitti voluntatis questio" (L. 25 para. 1. Dig. de Legat. D. Jibqa' però dejjem minnu li fl-interpretazzjoni letterali hemm bżonn li ma jiġix minsi mill-interpreti l-grad ta' kultura tat-testatur u l-istat ta' animu tiegħu, li naturalment jimponi l-att solenni li jirregola s-suċċessjoni għal wara l-mewt, li, skond il-moralisti, "venit sicut fur", b'mod li ftit jew wisq il-ħsieb ta' l-evenjenza tagħha jikkaġuna ċertu disturb bħal ma jikkaġuna fl-animu tal-bniedem il-biża' ta' att solenni u li kulħadd jixtieq li ma javverax ruħu, li jrid żgur jiġri imma li ħadd ma jaf fejn u meta sejjer jiġri;

Minn dana jitnissel li sabiex l-interpreti jikkonstata l-volontà tat-testatur irid jikkonsulta l-miktub u l-ispirtu tad-

dispożizzjoni, u jrid issa jagħti l-preferenza għal l-ispirtu tal-miktub fuq l-istess kitba, u issa jara li għandu jipprevali l-miktub aċċertat fuq l-intenzjoni li tkun dubbjuża. Del resto, dan huwa l-konferma u l-applikazzjoni għad-dispożizzjonijiet testamentarji, ta' l-artikoli 1045, 1046 u 1100 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta);

Illi regola oħra ta' l-interpretazzjoni hija dik dettata mill-art. 1051 tal-Kodiċi Ċivili tagħna għall-interpretazzjoni tal-kuntratti, però li hija wkoll applikabbli għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet universali u partikulari meta diversi dispożizzjonijiet ikunu marbutin flimkien (l-għaliex ħafna drabi l-klawsoli ta' testment ikunu assolutament indipendenti). Dana l-artikolu tagħna fuq ċitat jikkorrispondi għall-art. 1161 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, u l-kommentaturi u l-ġurisprudenza Franċiża huma ta' din il-fehma kif fuq espressa (ara Dalloz u s-sentenzi minnu ċitati, ċjoè dik tal-5 ta' Frar 1839, numru 4215, u dik tat-13 ta' Awissu 1840, numru 3495);

Illi fl-aħħarnett, regola oħra ta' interpretazzjoni tat-testmenti, sabiex minnu titnissel l-intenzjoni tat-testatur, hija dik li għandhom jiġu konsultati ċ-ċirkustanzi ta' l-kawża. Bil-kliem "ċirkustanzi tal-kawża" għandu jiftiehem dawk iċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mill-istess testment, li huwa l-att tad-decujus, li għandu jiġi interpretat sabiex l-intenzjoni tiegħu tiġi mnissla, murija u ddikjarata, fuq il-formola romana "quod testamentorum jura ipsa per se firma esse debeant" (L. 32 Dig. de hered. inst.). Dana jnissel miegħu l-konsegwenza loġika u naturali li għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji r-regola hija li l-intenzjoni għandha tiġi dedotta "ex propriis verbis testamenti, non extrinsecus", u l-provi estrinsiċi jinftiehmu dwar is-sustanza tat-testment, l-għaliex ir-regola fuq ċitata dwar il-forma hija infessibbli u assoluta) mhumiex ammessi ħlief u meta l-istess testment jikkontjeni fatti li jkunu kontestati mill-partijiet: Allura każ il-provi estrinsiċi għandhom jiġu konstatati skond id-dritt komuni (ara Aubry et Rau, Tomo VI, pag. 141, u nota ta' para. 172, u awturi oħra minnu ċitati li jsostnu din it-teorija, ormaj aċċettata mill-aħjar awturi);

Ir-raġuni loġika għall-ammissjoni tal-provi testimonjali (li huma provi estrinsiċi) sabiex jiġi interpretat testment fl-

evenjenza fuq imsemmija, tikkonferma r-regola li l-intenzjoni tat-testatur għandha tiġi dedotta mill-istess miktub kif trid il-liġi, li huwa obligatorju taħt piena ta' nullità mill-istess liġi, sabiex dispożizzjoni ta' ultima volontà tkun tista' tingħad li teżisti dwar il-forma, in kwantokkè l-fattijiet riżultanti jew implikati mit-testment mhumiex ħag'oħra ħlief fattijiet espressi jew impliċiti radikati f'dak l-att solenni;

Illi kwindi; jekk il-fattijiet huma espressi fit-testment, ma hemmx kwistjoni li jistgħu jiġu pruvati, fil-każ ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet, per mezz tal-provi testimonjali, li huma provi estrinsiċi, provi li huma regolati mid-Dritt Ruman, kif ukoll jekk ikunu implikati mill-istess att solenni;

Illi, wara l-espożizzjoni tal-prinċipji legali fuq espressi, hemm prinċipji ta' ordini legali diversi li jistgħu jservu għas-soluzzjoni tal-kawża odjerna;

Illi skond l-artikolu 38 (2) tal-Kapitolu 70 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, l-eżekuturi testamentarji huma tenuti jħallsu personalment u "in solidum" mad-debituri tat-taxxi hemm imsemmija, kemm il-darba jinsab illi fiż-żmien stabbilit għall-ħlas huma kellhom f'idejhom flus, jew titoli li jsarrfu flus, tad-debituri tat-taxxa jew tal-wirt, li minnhom it-taxxi li jkunu għadhom ma tħallsux setgħu jitħallsu; u fl-art. 39 ta' l-istess liġi l-leġislatur jitħaddet fuq is-surroga fil-jeddijiet tal-Gvern għall-ħlas lura ta' taxxa mħallsa għal ħadd ieħor; kif ukoll fl-art. 83 ta' l-istess Kapitolu huwa impost li t-taxxa tal-legati għandha titħallas mil-legatarju, bla ħsara ta' l-obligu "in solidum" tal-werrieta għall-ħlas ta' dik it-taxxa;

Illi ma jistax jiġi dubitat — l-għaliex, fil-ħsieb tal-Qorti, jidher mit-testment aċċertat — illi:— 1. It-testatriċi kienet persuna ta' ċerta istruzzjoni u riflessiva, koxjenzjuża u preċiża, kif jista' jidher mill-art. 10 (c), 4 u 5 (dwar il-kondizzjoni apposta u r-raġuni tal-laxxitu partikulari) u 8 ta' l-ewwel testment tagħha in riferenza għall-art. 4 ta' l-ewwel dispożizzjoni; 2. Id-decujus riedet bil-legati li ħalliet lill-konvenuta, tirrimuneraha u tikkompensaha talli, tul is-servizz li għamlet magħha, kienet tagħtiha salarju baxx; però fl-istess mentri riedet ukoll tkun liberali magħha (ara artikolu, fil-qiegħ, ta' l-ewwel testment), inkwantokkè dak li ħallietilha

kien oltre s-salarju pattwit u mhallas, u mill-konvenuta aċċettat; 3. Id-decujus, bir-revoka tat-8 artikolu ta' l-ewwel testment per mezz tat-tieni artikolu ta' l-aħħar dispożizzjoni tagħha, riedet tqiegħed lill-konvenuta u l-legatarji f'pożizzjoni ugwali għall-ħlas; u dak li huwa aktar importanti, riedet tugwalja l-legatarji ma' l-istess prelegatarji dwar l-istess ħlas tal-legati tagħhom; 4. Il-valur tal-legati mħollija lill-konvenuta huwa ta' ċerta entità, u jilħqu mat-£800 jew £900, u l-ebda wieħed mil-legati u prelegati l-oħra ma kien ta' dik l-entità; 5. Id-decujus kienet taf li fuq dak li kienet sejra tħalli — bla ma ddivrenzjat xejn bejn dispożizzjoni universali u partikulari — kienet trid titħallas it-taxxa tas-suċċessjoni; 6. It-testatriċi kienet ukoll taħseb li minn dak li kienet sejra tħalli wara mewtha ma kienx sejjer ikun hemm biżżejjed biex jitħallsu l-legati kollha ordnati, id-debiti kollha, u t-taxxa tas-suċċessjoni (ara art. 10 (a) ta' l-ewwel testment); 7. Fl-artikolu 10 (b) ta' l-ewwel testment, immedjatament wara li tat il-fakoltajiet generali meħtieġa lill-eżekutur minnha nominat, kif ukoll il-fakoltajiet speċjali msemmija taħt l-ittra (a) ta' dak l-istess artikolu għall-finijiet hemm imsemmija, ordnat li l-eżekutur jamministra l-assi tagħha "sakemm jeżegwixxi dana l-inkariku" — dispożizzjoni, jew aħjar klawsola jew fakoltà, li jeħtieġ tiġi interpretata, l-għaliex jista' jkollha piż fis-soluzzjoni tal-kawża preżenti;

Illi minn dana li ntqal jitnissel dan li sejjer jiġi kunsidrat;

Illi m'hemmx kwistjoni li t-testatur għandu, fir-redazzjonijiet testamentarji, pjena libertà li juża l-kliem li jrid, purkè l-istess imorru sabiex juru l-vera intenzjoni intima tiegħu; u kwindi impliċitament jista' jinkludi jew jeskludi liberalitajiet favur xi persuna;

Illi huwa risaput illi meta volgarment jingħad "taxxa tas-suċċessjoni", il-publiku ma jagħmilx id-distinzjoni bejn taxxa fuq l-assi, taxxa fuq il-wirt, u taxxa fuq il-legati, li huma dispożizzjonijiet partikulari, jew fuq laxxiti oħra partikulari; u f'każ ta' espressjoni ambigwa trid dejjem tiġi penetrata l-intenzjoni tat-testatur — "quam ex illis ipse disposuit in eodem testamento, maxime si ambigatur, quae ambigue sermone aut verbo voluerit comprehendere" (L. qui filiabus D.

de legatis 17, in primis). Minn dana jitnissel li mhux biżżejjed li t-testatriċi, wara l-kliem "taxxa tas-suċċessjoni", ma rripetietx il-kelma "kollha" bħal ma għamlet għal-legati u djun, sabiex tiġi eskluża "hic et nunc" it-teżi tagħha;

Li fid-dottrina jingħad li l-iskop tan-nomina ta' eżekutur testamentarju huwa sabiex l-intenzjoni tad-decujus tkun eżattament eżegwita mill-eredi jew legatarji, jew, meta d-decujus ikun irid, huwa jirrendi agevoli bejniethom il-likwidazzjoni u qsim ta' l-eredità tiegħu. Skond il-liġi tagħna (art. 809 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, Ediz. Riveduta), ispirata mil-Kodiċi tat-Ticino (art. 426), l-eżekutur huwa investit bil-pussess tal-beni ereditarji sabiex ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-flus destinati għall-pagament tal-legati mobili u d-djun ereditarji; għal dana l-fini jista' jeżiġi l-krediti u jbiegħ il-beni. Issa, jekk skond id-dottrina (ara Ambrosini, Disposizioni di Ultima Volontà Fiduciaria nel Diritto Germanico, Canonico e Comune, Roma, 1917, pag. 28 u segwenti, u Foramiti "Enciclopedia Legale", vuċi "Esecutore", Vol. II, pag. 982-983), u b'liġi għandu dawn il-fakultajiet, il-fatt li d-decujus tatu dawk l-istess poteri b'dispożizzjoni "ad hoc", sabiex barra l-legati kollha u d-debiti kollha jħallas ukoll it-taxxa tas-suċċessjoni, huwa leċitu li bniedem jaħseb li hija kellha xi intenzjoni partikulari biex tagħmel hekk;

It-testatriċi, li kienet taf li hija fit-testment tagħha kienet ħalliet tant legati, ta' stabili kemm ta' flus u ħwejjeġ, u kienet taf li fuqhom il-prelegatarji u l-legatarji kellhom normalment skond il-liġi jħallsu t-taxxa tributorja "de quo" mill-but tagħhom, ordnat lill-eżekutur li jbiegħ anki stabili, barra minn mobbli, u jipoteka l-patrimonju in garanzija, sabiex tithallas anki t-taxxa tas-suċċessjoni, bla ma ddivrenzjat it-taxxa fuq l-assi, fuq is-suċċessjoni, u fuq il-legati, eċċ., jew inkludiet xi wħud u eskludiet oħrajn minn dawk it-taxxi, jew fissret li dak il-pagament kellu jsir minnu provviżorjament, salva r-rifużjoni minn mnejn skond il-proporzjonali liberalità lilu derivanti mit-testment, kif kienet tagħmel kieku riedet li l-prelegatarji u l-legatarji jagħmlu tajjeb għat-taxxa tagħhom "de proprio";

U tant riedet li l-ħlas isir mill-eżekutur fuq ir-rikavat tal-beġjħ ta' l-assi patrimonjali li kienet sejra tħalli, li hija,

fl-artikolu 10 (b), b'sussegwenza ta' l-istess idea, ħalliet u l-amministrazzjoni sakemm jeżegwixxi dak l-inkariku; l-għaliex il-kelma "dana" fl-artikolu 10 (b) ma tistax ħlief tkun interpretata għall-inkariku msemmi fl-artikolu 10 (a) ta' l-ewwel testment: l-għaliex il-bniedem jikteb u jaddatta l-miktub fl-ordni li l-ħsieb jgħaddi minn-ras tiegħu, u l-għaliex daka kien l-inkariku tiegħu prinċipali skond il-liġi. Huwa wkoll sintomatiku li d-deċujus ippareġġjat fl-istess grad, u qiegħdet fuq l-istess pjan, il-ħlas tal-legati, tad-djun u tat-taxxa tas-suċċessjoni; u jekk normalment, fir-rapporti interni bejn l-eredi mill-banda l-waħda u l-prelegatarji u legatarji mill-banda l-oħra, l-ewwel żewġ eżekuzzjonijiet huma a kariku ta' l-assi ereditarju, li għal dana l-fini jista' skond il-liġi jiġi mibjugħ in parti, u l-aħħar eżekuzzjoni hija a kariku tar-rispettivi prelegatarji u legatarji, li l-liġi dwaru ma timponix neċessarjament dak il-bejgħ għal-likwidazzjoni tagħha, daka l-pareġġjar "expressis verbis", bla limitazzjonijiet, għandu jkollu s-sinifikat favorevoli għat-teżi konvenuta; l-għaliex kieku ma kienx jiġi appost;

Huwa minnu li jista' jiġi obbjettat li fir-rapporti ta' l-eredi, legatarji u eżekuturi, u l-Gvern bħala eżattur fiskali, it-taxxa in ġenerali u in partikulari kellha tiġi mħallsa qabel kwalunkwe eżekuzzjoni; imma dana l-fatt ma setax kien mjorat mid-deċujus, kif jidher mill-kontest ta' l-ewwel testment tagħha, u b'dan kollu hija ma imponietx lill-eżekutur tagħha li jħallasha bir-rikavat tal-bejgħ salvi r-relativi konteġġi interni, bħal ma kien isir kieku ma semmietha xejn: l-għaliex kienet tidħol il-preżunzjoni li t-testatriċi riedet li jsir dak li trid il-liġi;

Jidher ċar mit-testment ta' l-ewwel li d-deċujus kienet preokkupata li ma kienx sejjer ikun hemm fl-assi patrimonjali tagħha flus biżżejjed biex jitħallsu f'daqqa u mal-mewt il-legati tal-flus li ħalliet; tant li fl-art. 8, li mbagħad ġie wara revokat bit-tieni testment, iddettat ordni ta' preferenza għall-ħlas tal-legati; imma bil-fatt tar-revoka ta' dak l-artikolu, fejn neħħiet dik il-preferenza, apparti li riedet tegwalja lil kulħadd fid-dispożizzjonijiet partikulari, fissret ukoll bil-fatt li dak il-biża' tagħha bl-artikolu 10 ta' l-ewwel testment, kif konċepit, ma kienx sejjer ikun fondat, in kwantokkè b'daka

l-istess artikolu l-aħħar imsemmi kien sejjer l-inkonvenjent minnha maħsub jiġi rimedjat, billi flimkien mat-taxxa tas-suċċessjoni fl-interità tagħha l-eżekuzzjonijiet kollha imposti jiġu mħallsa mill-patrimonju li kienet sejra tħalli;

Jingħad ukoll illi l-eredi setgħu jevitaw dak il-bejgħ, tant ta' l-istabili kemm tal-mobbli, skond il-każ, billi joffru li jħallsu d-djun u l-legati mill-flus tagħhom (ara art. 810 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Ediz. Riveduta); l-għaliex "quod mihi prodest et tibi non nocet" jista' u seta' liberament isir; u kif setgħu jħallsu l-legati u d-djun, setgħu, interprètata estensivament u analoġikament dik id-dispożizzjoni, iħallsu t-taxxa tas-suċċessjoni, li kellha titħallas ukoll mill-bejgħ tal-mobbli u immobili mdaħħlin fl-assi, b'mod li kienu jikkonservaw in natura l-ħwejjeġ ereditarji — l-iskop ċar tad-dispożizzjoni in parola; imma l-fakoltà li biha l-eredi setgħu jikkonservaw l-affarijiet imdaħħlin fl-assi ereditarju, u li minnu dawk l-eżekuzzjonijiet kellhom jitħallsu, ma setgħetx tfisser ir-reversjoni għall-ħlas tat-taxxa fuq il-prelegatarji u l-legatarji, appuntu l-għaliex minnu u fuq dak l-assi t-testatriċi ordnat li titħallas, bla ebda provvediment ieħor, u kwindi impliċitament ġiet eskludiet id-dritt tas-surroga. Del resto, fejn il-kelma tad-dispożizzjoni hija ċara, u l-istess taqbel ma' l-intenzjoni tat-testatur li titnissel mid-dispożizzjonijiet tiegħu, ma hemmx aktar lok għal distinzjonijiet;

Lanqas ma huwa ozjuż li jingħad ukoll li t-testatriċi, fejn riedet tkun espliċita, uriet li kienet taf timponi kondizzjonijiet (ara art. 4 ta' l-ewwel testment dwar l-£20 mħollija lill-konvenuta; il-legati ta' flus, tant li għadhom validi kemm dawk li ġew revokati, fejn semmiet li s-somom legati kellhom jittieħdu għal darba waħda; u l-legati li ħalliet lill-konvenuta bil-kondizzjoni tas-servizz sal-mewt; u l-ewwel artikolu tat-tieni testment fejn elenkat il-mobili li kienet ħalliet lill-konvenuta bl-ewwel testment u li kienu allura jinsabu f'dar differenti minn dik fejn ġew trasportati meta sar it-tieni testment); u jekk dwar it-taxxa ma użatx l-istess sistema, dana għandu jiġi ndott li għamlitu għaliex riedet takkolla l-assi ereditarju b'dik l-istess taxxa fl-interità tagħha;

Illi jikkonduċi għal l-istess opinjoni l-fatt li t-testatriċi riedet, fil-konfronti tal-konvenuta li dwarha hemm il-kwistjoni,

tiffavoriha; kif jidher li egwaljatha għall-ħlas tal-legati bir-revoka ta' l-art. 8 ta' l-ewwel testment, bil-legati li ħallietilha u għar-raġuni li ħallietħomlha. kif ukoll mill-entità ta' l-istess legati tagħha u mill-oġġetti ta' l-istess legati, li kienu jikkomprendu ħwejjeġ personali u anki flus; u kif riedet tiffavoriha mhix ħaġa kbira li riedet testendilha dana l-favur. meta kienet taf li hija ma kellhiex minn fejn toħroġ flus; il-għaliex ukoll kienet in parti tiġi tinnewtralizza l-legati minnha msejħa rimuneratorji;

Illi peress li, barra mill-prelegatarji, jinstabu persuni oħra mgħajta għall-eredità, jista' jintagħmel argument ieħor favur il-konvenuta, fis-sens li tidher manifesta l-intenzjoni tad-decujus li tkun liberali fl-aħħar att solenni tagħha. tant li firrelazzjoni bejn l-istess nies tad-demm tagħha riedet tuża liberalità favur il-prelegatarji li huma wkoll imgħajta għall-eredità fuq l-istess eredi istitwiti li m'humiex prelegatarji; u jekk kellha dan l-"animus" meta hija ħalliet lill-konvenuta l-legati li ħallietilha bil-konoxxenza li kienet barranija u li kienet diġà ġiet imħallsa b'salarju—għalkemm mit-testatriċi ġie dikjarat li k'en baxx—li kien pattwit għas-serviġi tagħha, daka l-ispirtu ta' liberalità jaċċentwa ruħu ferm aktar. Hawn jista' jingħad li l-favur retratt mill-prelegatarji sejjer ikun problematiku jekk ikollhom ma' l-eredi jħallsu t-taxxa li ħallas l-eżekutur fuq il-legati tal-konvenuta; imma għalkemm dana l-argument mhux bla saħħa, huwa fatt li, jekk hija vera u aċċettabili t-teżi tal-Qorti, l-istess prelegatarji sejrin ikunu fil-pożizzjoni li jibbenefikaw, jekk mhux "in toto", almenu żgur in parti, dwar it-taxxa, fuq il-prelegat tagħhom, a diskapitu ta' dawk li ġew biss imgħajta bħala eredi. Del resto, il-prelegati kienu biss l-effett ta' "grato animo" tad-decujus, mentri d-differenza tat-trattament tal-konvenuta, li mhux eredi, f'dina l-linea u f'dana l-ordni ta' ħsieb, fil-konfronti tagħhom jinsab radikat fil-kondizzjoni tagħha u fis-serviġi dikjarati mill-istess testatriċi, salv dak li sejjer jingħad aktar il-quddiem;

Illi ntqal li t-teżi konvenuta, li ma għandhiex tħallas taxxa, hija inkonċiljabili mal-fatt dikjarat mit-testatriċi fit-testment tagħha li l-legati li kienet qiegħda tħallilha kienu ta' indoli u karattru rimuneratorju, meta skond l-art. 84 tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta, dawk il-legati

huma eżenti minn taxxa; imma dina l-oppożizzjoni hemm xi tgħid fuqha. Apparti l-fatt li l-istess atturi indebbolew is-saħħa ta' dan l-argument meta riedu in tema ġenerali fil-kawża juru li l-laxxitu tal-konvenuta kien jiswa fuq l-£1000 u ż-żieda li kien ħaqqha huwa ta' £273. Infatti s-saħħa ta' dan l-argument hija newtralizzata aktar ma tiġi kunsidrata fid-dawl tal-liġi fiskali; il-għaliex għalkemm it-testatriċi sejħet dawna l-legati rimuneratorji, ħallietħomlha biex tirrimuneraha u tikkompensaha mis-servigi li kienet għamlitilha u kellha tgħamlilha salmewt, fil-fatt setgħu kienu biss in parti ħlas tas-servigi oltre l-merċedi pattwita u mħallsa lill-konvenuta; u skond l-art. 84 Kap. 70 dawk il-legati huma eżenti minn taxxa, salvo li jkunu saru fl-aħħar marda u salvi wkoll il-kondizzjonijiet l-oħra hemm ukoll apposti, kif ukoll il-għaliex l-istess decujus fl-art. 5 ta' l-ewwel testment uriet li bl-adempiment ta' l-obligu li koxjenzjożament ħasset li għandha tadempixxi kienet qiegħda tkun liberali ma' l-istess konvenuta, fis-sens li kienet qiegħda tħallasha b'dak l-istess kriterju fuq imsemmi, b'mod li bejn isservizz u l-kumpens, anki kunsidrat bħala dejn, ma kienx hemm proporzjon "ad unguem"; f'liema evenjenza kien jista' jkun hemm kwistjoni dwar l-ammissjoni tagħhom, u fil-każ tas-serviġi ta' l-aħħar marda kien ikun hemm lok għar-riżerva tal-fehma tal-Kollettur ta' l-art. 84 Kap. 70, li t-testatriċi hija preżunta li kienet taf biha;

Jingħad ukoll li skond il-liġi mhux il-kliem jikkwalifikaw l-att, imma l-fatt; u kwindi, jekk bil-kriterji fuq imsemmija tat-testatriċi hija sejħet dawk il-legati rimuneratorji, mentri fil-fatt jistgħu jinstabu forsi biss in parti tali, huma jkunu jikkostitwixxu liberalità għaż-żieda, u jibqgħu rimuneratorji għal dak l-ammont li jistħoqqilhom is-serviġi. Apparti dan li ntqal skond il-liġi komuni, il-liġi fiskali tikkunsidra l-possibilità ta' l-eżenzjoni mit-taxxa tal-laxxiti in rimunerazzjoni tas-serviġi reżi lit-testatriċi fl-aħħar marda tagħha, u dwar id-deduzzjoni tad-debiti l-istess huma kontemplati taħt l-art. 63-64 tal-Kap. 70; u għall-ammissjoni tagħhom irid jkunu soddisfatti l-kondizzjonijiet hemm apposti. Il-possibilità ta' dana l-fatt isservi bħala argument kuntrarju għall-oppożizzjoni msemmija, għaliex id-delibazzjoni tan-natura tal-legati in kwistjoni hija materja estranea għal dina l-kawża;

Illi l-kliem "kollha fuq ordnati", u "kollha" wara l-kelma "debiti" fl-art. 10 (a) ta' l-ewwel testment, m'humiex blief indikazzjoni ta' l-universalità rigwardata fin-numerika kwantità tal-laxxiti u debiti li għalihom ġew adoperati, u, biex jingħad hekk, huma pleonastiċi, in kwantokkè mhux skond iraġuni li, kieku t-testatriċi ma għamletx hekk, xi legati jew debiti kienu sejrin jiġu mħollija bla ma jkunu mħallsa; b'mod li b'dawk il-kliem ma jistax jingħad li fl-użanza tal-kelma "kollha" wara l-kliem "taxxa tas-suċċessjoni", konġunta mal-legati u d-djun bil-partiċella "u", l-istess għandha ta' bilfors tiftiehem għat-taxxi fuq l-assi u fuq is-suċċessjoni vera u propria ad esklużjoni tat-taxxa fuq il-laxxiti partikulari;

Illi huwa fatt li l-konvenuta m'll-ewwel uriet il-propożitu u l-menti tagħha lill-eżekutur testamentarju fuq il-ħlas tal-legati "de quo dicimus", mhux għaliex kienu ta 'natura rimuneratorja jew ħlas ta' dejn, imma għar-raġunijiet svolti f'dina l-kawża fl-ewwel lok; dana l-fatt kien a konoxxenza ta' l-eżekutur testamentarju, imma ma jirriżultax li kien not lill-eredi, għalkemm preżumibilment l-eżekutur infurmahom bil-kontestazzjoni tagħha, li hija għamlet lilu qabel il-ħlas tat-taxxa. L-eżekutur testamentarju, li kien inkarikat "expressis" mit-testatriċi biex iħallas it-taxxa, u li kien jaf iċ-ċirkustanzi li taħthom id-decujus ħalliet il-legati, seta' se non altro nsista biex tkun rikonoxxuta almenu in parti l-eżenzjoni tagħhom, meta l-legatarja baqgħet mad-decujus, li kienet mara kbira, u meta jiġi kunsidrat li x-xjuħija tikkostitwixxi mard skond id-det. latin "ipsa senectus est morbus", sal-mewt tagħha u daret biha sa l-aħħar, b'mod li almenu kien jottjeni in parti eżenzjoni favur il-werrieta bil-mezzi bonarji, u fin-nuqqas javża lill-werrieta ħalli jipproċedi ġudizzjarjament għad-determinazzjoni neċessarja tal-kwistjoni kontra l-fisku. Il-werrieta mbagħad, anki jekk ma kienux jafu bil-kontestazzjoni tal-konvenuta, kellhom dejjem l-interess li jsalvaw kemm jistgħu mill-assi ereditarju għall-eventwalità li l-kontestazzjoni tal-konvenuta tkun dikjarata fondata, il-għaliex b'hekk, sija jekk prelegatarji kemm jekk eredi nudi, kienu jsibu l-vantaġġ tagħhom stante ċ-ċirkustanzi;

Illi ntqal ukoll illi meta l-eżekutur inqamesta lill-konvenuta fil-pussess tal-legat, żamm riżerva dwar it-taxxa; però fuq dan

jinghad li dwar dik ir-riżerva ma għandhiex tesprimi ebda opinjoni, il-għaliex ma għandhiex quddiemha l-att opportun, li huwa skond il-liġi l-aħjar prova, u f'materja hekk delikata ma hux ġust u ekwu li jsiru kommenti fuq hekk fl-assenza ta' dik l-istess prova;

Illi kwindi l-intenzjoni tad-decujus, meta ordnat "ad hoc" mal-ħlas tal-legati u djun il-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni in ġenerali mir-rikavat tal-bejgħ tal-ħwejjeġ tal-patrimonju ereditarju tagħha permezz ta' l-eżekutur riedet li l-istess titħallas kollha kemm hija mill-istess assi fuq imsemmi, u kwindi riedet li t-taxxa fuq il-dispożizzjonijiet partikulari tagħha favur il-konvenuta, u mħallsa mill-eżekutur, tiġi minn dak l-assi sopportata; •

Illi in vista ta' dina d-deċiżjoni ma hemmx għalfejn tintrattjeni ruħha fuq il-kwistjonijiet l-oħra sollevati;

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjeż, il-meritu jissuġġerixxi li jkun hemm temperament fuq dana l-istess kap;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata fissens li tiġi revokata fejn ċaħdet it-talba tagħhom u ordnat li l-ispejjeż tagħhom u d-dritt tar-reġistru jiġu sopportati minnhom, u tiġi konfermata fejn akkolliet lill-konvenuta l-ispejjeż tagħha; u li jiġi minflok deċiż għall-akkoljiment tad-domanda ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi Ersilia Micallef, awtriċi ta' l-instanti, bit-testment tagħha........... u preċiżament fir-raba' u ħames artikoli ta' l-istess testment, ħalliet lill-konvenuta appellata, b'titolu ta' legat, diversi oġġetti, komprendenti..........., kif ukoll l-utili dominju perpetwu u benefikati........... Dawn il-legati kienu jinsabu suġġetti għall-kondizzjoni li l-appellata kellha tibqa' fisservizz tat-testatriċi sal-mewt tagħha. Fl-istess testment jinsab dikjarat li l-imsemmija legati kellhom l-iskop li jirrimuneraw u jikkompensaw lill-legatarja għas-servigi reżi lit-testatriċi, billi din kienet qiegħda tagħtiha salarju iżjed baxx minn dak li kien ħaqqha. Wara li bl-imsemmi testment it-testatriċi għaddiet biex ordnat xi legati oħra u biex innominat il-werrieta tagħha, fl-art. 10 innominat bħala eżekutur testamentarju......

L-eżekutur testamentarju għamel kif ġie lilu ordnat mit-testatriċi, u kif jidher mid-dokumenti eżibiti fil-fol. 14 u 15, ħallas bħala "estate duty" is-somma ta' £43. 11. 9, u bħala "succession duty" u "legacy duty" is-somma ta' £147. 10. 2—b'kollox £191. 1. 11; li minnhom l-appellanti jippretendu li l-appellata għandha tħallas £95. 6. 5......... Meta l-appellata ġiet mitluba biex tħallas l-imsemmija somma ta' £95. 6. 5, hija ma riedetx, u għalhekk l-appellanti kellhom iġibu l-quddiem dina l-kawża kontra tagħha, li qiegħda tippretendi li hija ma għandha tħallas xejn, tant minħabba l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 10 taċ-ċitat testment tal-24 ta' Jannar 1940, kemm għaliex minħabba l-indoli rimuneratorja tal-legati lilha mħollija, ebda ħlas ta' taxxa ma hu dovut. L-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża favur il-konvenuta, billi laqgħet l-ewwel pretensjoni tagħha, mingħajr ma daħlet biex teżamina l-pretensjoni l-oħra għaliex ma kienx hemm iżjed bżonn li jsir dan;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mid-dispożizzjoni ta' l-art. 720 tal-Kodiċi Ċivili, l-intenzjoni tad-decujus għandha tiġi meħuda mid-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment u mhux minn affarijiet oħra estranei għat-testment; biex jiġi evitat il-perikolu li tinħoloq dispożizzjoni li t-testatur ma ordnax. Dan il-prinċipju jinsab ribadit mill-art. 729 u 730;

F'materja ta' interpretazzjoni testamentarja dina l-Qorti b'sentenza tat-2 ta' Mejju 1921 in re "Camilla Mallia vs. Carlo Mamo et." (Kollez. Vol. XXIV—I—729), irriteniet li "quando la disposizione è chiara essa deve ricevere la sua esecuzione come esprimente la legge che il testatore ha voluto imporre. Lo dissero già i giureconsulti romani, "non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem" (Dig. Lib. XXXII. 3, De legatis et Fideicommissis, leg. 69). Si deve quindi tralasciare la lettura dell'atto solo quando si è certi che essa sia in opposizione alla volontà del testatore; poichè quando tale volontà si trova chiaramente e formalmente espressa, non è permesso di interpretare i termini di cui il testatore si è servito per far conoscere la sua volontà; poichè altrimenti si correrebbe il rischio di far prevalere una intenzione sempre dubbia alla lettera certa";

B'sentenza ohra ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ġunju 1931 in re "Concetta Gabarretta vs. Teresa Spiteri" (Kollez. Vol. XXVIII—I—117), waqt li ġiet interpretata l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art 720 tal-Kodiċi Ċivili (ġjà art. 381 ta' l-Ord. VII ta' l-1868), intqal li "da ciò conseguita che la intenzione del disponente deve ricavarsi dalle viscere della stessa disposizione, messa certamente in confronto di tutt'altre disposizioni del testamento o di altri testamenti, precedenti o susseguenti";

Fuq l-iskorta tal-prinċipji enunċjati b's-sentenzi fuq imsemmijin, fit-testmenti l-leġittima volontà tat-testatur hija liġi li għandha tiġi rispettata; u fejn il-kliem ta' dispożizzjoni testamentarja ma jagħtux lok għal ebda ambigwità, mhux leċitu li tiġi lilhom mogħtija interpretazzjoni diversa. "Quum in verbis nulla ambiguitas est, non debet admitti voluntatis quaestio" (L. 25, par. 1, D. De Legatis). Biex jista' jiġi ritenut li t-testatur uża kliem b'sens divers minn dak li soltu jiġi lilhom attribwit, iridu jikkonkorru raġunijiet serji u konvinċenti, bħal meta jkun hemm "la contradizione delle disposizioni con quel senso naturale, la inutilità della disposizione in tale senso presa, senza del resto prescindere da altra regola del diritto—"semper in obscuris quod minimum est sequimur" (leg. 9. ff. de reg. jur.). Ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re ta' l-4 ta' Novembru 1881, in re "Ursola Dimech vs. Conte Giovanni Sant Barone Cassia" (Kollez Vol. IX, paġ. 558);

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-prinċipji fuq imsemmija għandha tiġi eżaminata d-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 10 tat-testment tal-21 ta' Jannar 1940. B'dik id-dispożizzjoni t-testatriċi, fost affarijiet oħra, ordnat lill-eżekutur testamentarju minnha nominat biex dritt wara l-mewt tagħha jbiegħ dawk l-istabili jew oġġetti mobili, barra dawk li ġew minnha qabel imħollija bħala legati, li jidhirlu, biex bir-rikavat ikun jista' jħallas il-legati kollha fuq ordnati, id-debiti tagħha, u t-taxxa tas-suċċessjoni, bil-fakoltà li jipoteka l-beni tat-testatriċi in garanzija ta' dan l-bejgħ; u sakemm isir dan, it-testatriċi ordnat li l-assi tagħha jibqa' amministrat mill-istess eżekutur testamentarju. Huwa ċar mill-kliem tad-dispożizzjoni fuq riportata, li t-testatriċi riedet li l-eżekutur testamentarju, wara l-mewt tagħha, jiebu

Jsieb iħallas il-legati minnha ordnati, id-dejn kollu tagħha u t-taxxa tas-suċċessjoni; u biex jeżegwixxi dana l-inkariku tagħtu l-fakoltà li jagħżel u jbiegħ dawk l-istabili jew oġġetti mobili li jidhirlu, ad eċċezzjoni ta' dawk minnha mħollija bħala legati, u li jipoteka l-bini tagħha in garanzija ta' dak il-bejgħ;

It-testatriċi wriet b'mod speċjali r-rieda tagħha li l-ordni fuq imsemmi jiġi eżegwit, billi kompliet tiddisponi li l-eżekutur testamentarju kellu jibqa' jamministra l-assi tagħha sakemm ikun sar dak il-ħlas tal-legati, tad-debiti u tat-taxxa tas-suċċessjoni. Din l-aħħar taxxa, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, għandha titqies li kelliha tikkomprendi dik fuq il-wirt, fuq l-assi, u fuq il-legati, billi huwa magħruf li ma ssirx dina d-distinzjoni meta volgarment tissemma "t-taxxa tas-suċċessjoni";

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk, bl-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 10 tat-testment tal-24 ta' Jannar 1940, it-testatriċi riedet u ordnat, bi kliem li ma jagħtix lok għal ebda ambigwità, li l-eżekutur minnha nominat jagħmel dak li hawn taħt miġjub:— (a) Li jbiegħ mill-assi tagħha.........; (b) Li jiggarantixxi dak il-bejgħ...........; (c) Li bir-rikavat ta' dak il-bejgħ iħallas il-legati minnha ordnati, id-dejn kollu tagħha, u t-taxxa tas-suċċessjoni; u (d) li jibqa' jamministra..........;

L-inkariki fuq elenkati huma l-effett ta' dispożizzjoni unika, li biha t-testatriċi immanifestat, bi kliem ċar, li ma jista' jagħti lok għal ebda dubju, il-volontà tagħha li l-imsemmija taxxa tas-suċċessjoni tiġi mħallsa u sopportata mill-assi tagħha, u preċiżament mill-prezz rikavat mill-bejgħ ta' sostanzi ta' dak l-assi—bejgħ li kellu jkun garantit b'ipoteka fuq il-beni l-oħra tagħha;

L-appellanti fil-petizzjoni ssottomettew li t-testatriċi ċertament kienet taf li l-legatarji huma tenuti jħallsu t-taxxa fuq il-legati lilhom imħollija, u għalhekk, kieku verament riedet teżentahom minn dak il-ħlas, kienet tgħidu "expressis verbis" fit-testment. Jingħad fuq dan il-punt li l-liġi ma timponi ebda formula sagramentali lit-testatur, li għandu għalhekk l-akbar libertà ta' espressjoni fid-dispożizzjonijiet li bihom jirregola s-suċċessjoni tiegħu. L-unika kondizzjoni mposta mill-liġi (art. 720 tal-Kodiċi Ċivili fuq ċitat) hija li d-dispożizzjoni testamentarja tkun magħmula b'mod li l-intenzjoni tat-testatur tista'

tiġi magħrufa. Fil-każ tagħna, mid-dispożizzjoni ta' l-imsemmi art. 10 tat-testment tal-24 ta' Jannar 1940 jirriżulta b'mod ċar u univoku li t-testatriċi riedet teżenta lill-konvenuta appellata mill-ħlas tat-taxxa fuq il-legati bl-istess testment lilha mħollija, u dan apparti l-fatt li dawk il-legati kienu ta' indoli rimuneratorja; li t-testatriċi, meta ordnat il-ħlas ta' dik it-taxxa jsir mill-assi tagħha, ma mponiet ebda riżerva jew kondizzjoni għar-rifużjoni ta' dak il-ħlas da parti tal-legatarji; u li l-istess nutar li rrediġa t-testment fehem li l-imsemmija dispożizzjoni kienet timporta l-eżenzjoni tal-ħlas ta' l-imsemmija taxxa da parti tal-legatarji;

Għar-raġunijiet fuq migjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.